**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-3 ta' Lulju 2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**kontra**

**ETIENNE PACE**
**(ID No: 305483(M))**

**Kaz Nru;**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Etienne Pace** ta' disgha u tletin (39) sena, iben Joseph u Annunziata nee' Muscat, imwieled Pieta nhar is-6 ta' Gunju, 1983 u li joqghod Blk. 5, Fl. 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 305483M, akkuzat talli, flimkien ma' persuni ohra nhar it-13 ta' Mejju, 2022, ghall-habta tas-2.30a.m., u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond nru. 4, Triq Hal Manin, Qrendi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u kieku sehhet, kienet tkun serqa aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, ghad-dannu ta' John Cutajar w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

2. B'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' f'bieb ta' mahzen, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta' John Cutajar w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

3. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni huwa reggha kkonferma wara li nghata zmien adegwat sabiex jerggha jikkonsulta mal-avukat u jerggha jirrikonsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom ser jinsab hati, l-fedina penali tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija kif ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni.

**Decide:**

Fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a); 49; 50; 261(a), (b), (c), (e) u (f); 262(1)(b); 263; 264; 265; 266; 267; 269; 270; 276; 279(b); 280(2); 281; 289; u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tordna ukoll lill-hati jhallas is-somma ta' hamsin Ewro fi zmien xahar millum,  bhala danni sofferti minnu ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata u l-konsegwenzi tas-sentenza lill-imputat.

DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.
**MAGISTRAT**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**